MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 338/2009

**A B**

**-vs-**

**C D, f'isimha proprju u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2010 giet nominata bhala kuratrici tal-minuri E D li gie kjamat fil-kawza bl-istess digriet;**
**F D**
**u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mal-intimata.

Illi fil-5 ta' Settembru, 2009, twieled tifel minuri, minn din ir-relazzjoni fid-29 ta' Jannar, 2009 (Dok. A).

Illi l-intimata C D nee' G isseparat minn mar-ragel taghha F G permezz tas-sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema sentenza qed tigi esebita u mmarkata bhala Dokument B.

Illi r-rikorrent huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri E.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

Tordna l-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E billi fil-kolonna missier it-tarbija jigi kancellat l-isem "F D" u minflok ikun sostitut bl-isem "missier mhux maghruf", kif ukoll kwalsiasi korrezzjonijiet ohra mehtiega fil-kolonni rispettivi.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi, in vena preliminari, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li l-minuri E D jigi msejjah fil-kawza galadarba qed jintalab biex isiru tiswijiet fic-certifikat tat-twelid tieghu;

Illi in *limine litis* ukoll jigi rilevat li t-talba finali tar-rikorrenti bil-mod kif inhi artikolata ma tistax tigi akkolta ghaliex mhux permess bil-ligi li terza persuna interessata bhalma huwa r-rikorrenti jipproponi kawza ghal ricerka ta' paternita' stante li tali azzjoni hija mhollija biss lill-persuna mwielda u koncepita matul iz-zwieg – f'dan il-kaz il-minuri E D. Min-naha l-ohra, biex jinghad kollox l-unika perkors ta' azzjoni li tikkoncedi l-ligi lil terzi persuni interessati inkluz l-allegat missier naturali hija dik delineata **fl-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li toffri l-opportunita' li tigi kkontestata li l-filjazzjoni ta' persuna mwielda u mnissla fiz-zwieg;

Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri E D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi subordinatament u minghajr hsara ghall-premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tammetti t-talba rikorrenti kif dedotta, l-esponenti jissolecita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta' nota guramentata jispecifika (i) id-dokument tal-identita' tieghu, (ii) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri E, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqghod meta twieled it-tifel E, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx haj jew mejjet meta twieled it-tifel *de quo*. Dawn id-dettalji huma mehtiega biex jigu nseriti fl-att tat-twelid numru 3263 tas-sena 2009;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat li, ghalkemm, debitament notifikati bl-atti tal-kawza, la l-intimata C D u lanqas F D ma wiegbu.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 2010, li permezz tieghu, l-istess C D giet nominata kuratrici ad litem ta' binha E li, permezz tal-istess verbal gie msejjah fil-kawza.

Rat l-affidavit.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza qed tintalab mill-Qorti li tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri E li twieled fil-5 ta' Settembru 2009, u li gie registrat bhala iben F D, zewg l-omm.

Jirrizulta pruvat li l-konjugi D kienu sseparaw permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta f'Jannar 2009.
Jirrizulta pruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, madanakollu, illi l-konjugi D kienu ilhom separati *de facto* sa mill-2005. Dan jirrizulta kemm mill-affidavit prodotti fil-kawza odjerna kif ukoll mis-sentenza li ppronunzjat il-firda bejn il-konjugi D.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens illi fl-Att tat-Twelid Nru. 3263 tas-sena 2009 mill-kolonna li turi taghrif dwar missier it-tarbija jithassru l-konnotati ta' F D u jitnizzlu minflok il-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------